MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 269/1993/1

**Onor. Dr Eddie Fenech Adami**

**vs**

**Onor. Dr Alfred Sant**

**Il-Qorti;**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell interpost mill-Onor. Dott. Eddie Fenech Adami minn parti minn sentenza pronunzjata fis-6 ta' Mejju, 1993 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ic-citazzjoni migjuba mill-attur kienet tghid hekk:

**Peress illi  waqt trasmissjoni mxandra fis-26 ta' Frar, 1993 minn "Radio One Live" il-konvenut Sant iddikjara illi l-istanti naqas li jiddikjara fl-Income Tax return tieghu dhul dikjarabbli ghall-finijiet tal-ligi ta' l-Income Tax;**

**hu peress illi l-allegazzjoni imxandra hija falza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u ghandha bhala skop li tesponieh ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku u li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu;**

**U peress illi l-attur bhala l-parti offiza ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);**

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex:-**

**1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-kliem suriferit li ntqal mill-konvenut Sant u mxandra fuq Radio One Live – liema kliem huwa riprodott f'Dok. "A" – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u li l-ghan taghhom huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu; u**
**2. M'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Il-konvenut Dott. Alfred Sant, bin-nota tieghu tas-26 ta' Marzu, 1993, issolleva zewg eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni kienet fis-sens li l-Ligi ta' l-Istampa ma kienitx applikabbli ghall-kaz *de quo* peress li hu la kien "ippubblika" u anqas "xandar" "stampat" fit-termini ta' l-istess Ligi. It-tieni eccezzjoni hija dik tal-"fair comment". In fatti din it-tieni eccezzjoni tghid hekk:

**Illi b'danakollu u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjent itenni l-fehma tieghu illi l-attur Dr. Eddie Fenech Adami kien fid-dover li jiddikjara fir-return tal-income tax id-donazzjonijiet in kwistjoni li recieva fis-snin tmenin. Dan jammonta ghal kumment gust, legalment fondat, fuq fatti li huma materja ta' interess pubbliku u accettabbli f'socjeta` demokratika.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha aktar 'l fuq imsemmija, iddecidiet il-kawza hekk:

**In konkluzjoni mela, l-Qorti tara:**

**1. Illi l-kliem li jinghad direttament fuq mezzi ta' xandir jaqghu taht il-kontroll tal-Ligi dwar l-Istampa u l-eccezzjoni tal-konvenut Sant fuq din il-bazi qeghda tigi michuda.**

**2. Illi din il-Qorti qeghda thalli impregudikata l-posizzjoni dwar il-kwistjoni jekk legalment id-donazzjonijiet in kwistjoni kellhomx jigu dikjarati ghall-finijiet tat-Taxxa dwar id-Dhul jew le. Dan peress illi l-Qorti ma gietx investita mill-eccezzjoni tal-prova dwar il-verita` tal-fatti, u ghar-ragunijiet fuq spjegati.**

**3. Illi l-kiem li ghalih saret oggezzjoni fic-citazzjoni tal-attur jikkostitwixxi kumment li hu legalment permessibbli f`socjeta` demokratika, tenut kont tal-latitudni ta' interpretazzjoni possibbli li tista' tinghata lill-fatti rilevanti.**

**Il-Qorti minn dan l-ezami jidhrilha illi t-tieni eccezzjoni ntavolata mill-konvenut timmerita li tigi akkolta.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba tal-attur. In vista tan-natura tal-kaz, u tad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, spejjes bla taxxa bejn il-kontendenti.**

L-appellant l-Onor. Dott Eddie Fenech Adami, permezz ta' petizzjoni ta' appell presentata fis-27 ta' Mejju, 1993, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tirrevokaha fil-bqija, u cioe` f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-"fair comment", u naturalment

tvarjaha anke ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez. L-appellat, b'risposta tieghu ghall-petizzjoni ta' appell, fisser li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet gusta u li ghalhekk kienet timmerita li tigi konfermata minn din il-Qorti.

**Il-fatti**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta' l-appellant tajjeb li jigu precizati il-fatti kif ukoll il-parametri ta' din il-kawza. Skond l-attur appellant il-malafama tikkonsisti fil-fatt li waqt programm ta' diskussjoni fuq ir-radju li ghalih kien presenti kemm huwa stess kif ukoll il-konvenut appellat, dan ta' l-ahhar qal li l-attur kien "…naqas li jiddikjara fl-Income Tax Return tieghu dhul dikjarabbli ghall-finijiet tal-Ligi tal-Income Tax". L-attur appellant ezibixxa, quddiem l-ewwel Qorti, traskrizzjoni tal-parti relevanti tal-konfront jew battibekk li huwa kellu mal-konvenut appellat fuq il-programm in kwistjoni, traskrizzjoni li giet konfermata bhala korretta kemm minnu stess kif ukoll mix-xhud Roger Degiorgio. Din it-traskrizzjoni tghid hekk:

"***Alfred Sant:*** Mhux imbilli noqoghdu nippruvaw nwaddbu t-tajn fuq haddiehor. Jghid ghal haddiehor u jaghmel l-istess hu. It-tangenti bilfors jezistu. Ghax ma ninsewx li anke l-Prim Ministru kellu problemi ma' l-Income Tax ghax fis-snin tmenin kellu donazzjonijiet li kien jircievi li ma kienx iddikjarahom. Din hi haga dokumentata ukoll. Dawk x`kienu allura donazzjonijiet jew tangenti?

***Eddie Fenech Adami:*** Taf li hemm libell pendenti?

***Alfred Sant:*** Ma jimpurtax ghamilli iehor qed nisfidak taghmilli iehor? Mela le. Qed nghidha car hawnhekk li inti rcevejt donazzjonijiet li ma dikjarajthomx ghall-finijiet ta' Income Tax. U l-Income Tax hawnhekk int semmejtha tajjeb.

***Eddie Fenech Adami:*** Jigifieri kelli d-doveri niddikjara u ma dikjarajthomx?

***Alfred Sant:*** Jigifieri kellek id-doveri tiddikjarahom u ma dikjarajthomx. Iva.

***Eddie Fenech Adami:*** Nassigurak li ghada naghmillek libell.

***Alfred Sant:*** Nassigurak li nirrispondik fil-qorti. Iva mhux problema. Assolutament mhux problema. Inkomplu ghaddejjin fuq l-argument tat-tangenti."

L-isfond ghal dan il-battibekk, pero`, imur lura ghas-sena 1983. Fi kliem l-ewwel Qorti:

**Il-fatti kif rizultanti lil din il-Qorti juru illi f`Lulju tal-1983 in segwitu ghal kummenti illi kienu saru fil-gurnal "L-Orizzont", fil-harga tal-11 ta' Lulju ta' dik is-sena, dakinhar stess l-attur kien iddikjara formalment illi kien ridott ghal sitwazzjoni – kif qal hu waqt ix-xhieda tieghu – fejn kien qieghed jghix b`donazzjonijiet zghar illi jaghtuh in-nies.**

**Sussegwentement huwa ta dettalji precizi ta' dawn id-donazzjonijiet. Waqt it-trattazzjoni, l-avukati tal-konvenut gibdu l-konkluzjonijiet taghhom dwar din ix-xhieda u senjatament dwar id-dati illi matulhom l-attur qal illi rcieva tali donazzjonijiet u dwar il-motivi li ghalihom dawn id-donazzjonijiet inghataw lilu.**

**Jidher illi wara l-1983 din il-kwistjoni baqghet sejra piu` o meno tiela' u niezla fil-gazzetti, kif jidher mid-dokumenti esebiti mill-attur, pero` punti saljenti minn din il-kwistjoni kienu dati bhal 5 ta' Novembru, 1986, fejn l-attur flimkien ma' deputati ohra tal-partit illi huwa l-kap tieghu, ipprovdew, jew kienu lesti li jipprovdu, ir-'returns' kollha ta' l-'Income Tax' taghhom u kienu lesti li jpogguhom ghad-disposizzjonijiet tal-membri ta' l-Istampa li kienu prezenti ghall-Konferenza Stampa biex juru d-dhul dikjarat taghhom x`kien. Effettivament f`Ottubru tal-**

**1992 kien hemm allegazzjonijiet fil-gazzetta 'In-Nazzjon Taghna' dwar il-konvenut, fis-sens illi dan kien evada t-taxxa, u jidher li bhala reazzjoni fit-28 ta' Ottubru ta' l-istess sena, l-konvenut kien ghamel Konferenza Stampa fid-dar tieghu fejn saret allegazzjoni fil-konfront ta' l-attur illi flus illi huwa kien ircieva b`donazzjonijiet ma kienx iddikjarahom ghall-finijiet ta' 'Income Tax'.**

**Sussegwentement kien hemm attakki ohra fil-gazzetti.**

**Sar libell ukoll mill-istess attur kontra l-persuni ndikati wara li dehru xi artikoli fil-gazzetta 'L-Orizzont' fuq l-istess vena.**

**Imbaghad sar id-dibattitu li jifforma l-mertu ta' dan il-libell.**

L-attur, ghalhekk, mhux jilmenta li ma hux minnu li hu ma ddikjarax id-donazzjonijiet li kien f'xi zmien ircieva; dak li qed jilmenta minnu hu li ma hux minnu li hu kien b'xi mod obbligat li jiddikjara dawn id-donazzjonijiet, u li ghalhekk min jghid li hu kien hekk obbligat qed jimmalafamah. In fatti fil-petizzjoni tieghu ta' appell, l-attur jghid hekk:

**Hemm qbil – ghax dan il-fatt gie ppublikat mill-istess attur f'numru ta' okkazjonijiet – illi l-attur ircieva numru ta' donazzjonijiet fil-periodu li hu (u deputati ohra) kienu gew iddikjarati dekaduti mis-siggu parlamentari tieghu [recte: taghhom] u ghall-periodu qasir iehor meta gie re-integrat fil-post parlamentari u li dawn id-donazzjonijiet ma gewx iddikjarati mill-attur fl-income tax return tieghu.**

**<u>L-aggravji</u>**

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li dak li intqal mill-konvenut fl-okkazjoni tad-dibattitu fuq ir-radju ma setax jikkwalifika bhala "kumment" (u ghalhekk anqas ma seta' l-appellat jibbenefika mid-difiza ta' "fair comment") peress li dan kien semplicement, fi kliem l-istess

appellant, *"addebitu ta' ksur tal-Ligi fiskali tal-pajjiz minn persuna li qed tokkupa l-kariga ta' Prim Ministru"*.

Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza elaborata taghha, kultant huwa difficli li wiehed jiddistingwi bejn allegazzjoni ta' fatt u kumment fuq dak il-fatt. Fl-ktieb awtorevoli **Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981 jinghad hekk dwar l-essenza ta' kumment:

***A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a stetment appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment.*** (para. 697, pagna 294).

L-ewwel qorti – korretement fil-fehma ta' din il-Qorti – irrifjutat li tidhol fil-kwistjoni ta' jekk id-donazzjonijiet li Dott. Fenech Adami kien ircieva kellhomx jigu denunzjati o meno, u ma dan jidher li jaqbel anke l-attur appellant[1]. Dik il-Qorti kkonkludiet li "the factual predicate" kien il-fatt – fatt veru – li l-attur ma kienx iddikjara dawk id-donazzjonijiet fir-return tal-Income Tax; pero`
**Il-motiv ghala ma gewx dikjarati ma huwiex fatt, imma opinjoni ta' l-attur. Ma iddikjarahomx ghaliex deherlu li legalment ma kellux jiddikjarahom. Il-konvenut isostni li legalment kellu jiddikjarahom.**

Fi kliem iehor, meta l-konvenut qal li l-attur kien obbligat jew kellu d-dover li jiddikjara dawk id-donazzjonijiet huwa kien qieghed biss jesprimi opinjoni jew jaghmel kumment

[1] In fatti, fil-petizzjoni ta' appell tieghu jghid hekk: "Il-konvenut ma tax l-eccezzjoni tal-prova tal-verita` tal-fatti u ghalhekk il-Qorti lanqas ghandha tinvestiga jekk il-fatt determinat attribwit huwiex minnu jew le".

dwar fatt – in-nuqqas ta’ dikjarazzjoni – li kien veru. Kif kompliet tfisser l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha:

**Illi fil-kaz partikolari, kif jidher ukoll mill-opinjonijiet u awtoritajiet prodotti miz-zewg nahat, hemm hafna x’jinghad dwar l-interpretazzjoni korretta tal-posizzjoni ta’ denunzjabilita` tal-ammonti in kwistjoni.**

**<u>Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku l-konvenut imeri s-sewwa maghruf f’materja fejn il-fatti huma limpidi u univoci</u>. Waqt li huwa veru li t-test tal-libell huwa dak ta’ kif jifhem l-addebitu il-bniedem ordinarju, dak li ghandu quddiemu min sema’ l-programm huwa l-isfond ta’ dak li deher u nstema’ fil-media. U mill-provi prodotti jidher illi l-posizzjoni taz-zewg partijiet kienet dijametrikament opposta.**

**Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mit-test tal-bran ezibit mac-citazzjoni, l-attur stess ippuntwalizza l-punt jekk kellux id-dover li jiddenunzja tali ammonti. Il-konvenut wiegeb fl-affermattiv. Huwa car illi hawn l-konvenut qieghed jesprimi opinjoni, l-opinjoni tieghu li tali ammonti kienu denunzjabbli. Konsegwentement qieghed jikkritika lill-attur ghal fatt li ma ddenunzjahomx, fatt mhux kontestat.**

**Fi kliem iehor “the facts”, strettament, huma l-fatti tan-non dikjarazzjoni. Ir-raguni ghaliex ma gewx iddikjarati hija opinjoni ta’ l-attur, it-twemmin tieghu li hu ma kellux jiddikjara dawn il-flus.**

**Hawnhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-konvenut ma huwiex qieghed jghawweg il-fatti jew jimmisrapresentahom. Qieghed jaghti l-opinjoni tieghu dwar il-fatt illi l-attur stess stqarr.** (sottolinear ta’ din il-Qorti, jigifieri tal-Qorti ta’ l-Appell).

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba din il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti, il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku l-

konvenut ipprova jqieghed bhala "opinjoni" jew "kumment" xi haga li bniedem ragonevoli ma setax jasal ghaliha. Mill-banda l-ohra, dan ma jfissirx li l-konvenut Sant kien korrett fl-opinjoni tieghu li dawk id-donazzjonijiet kienu dikjarabbli jew denunzjabbli. Anzi, x'aktarx jista' jigi argumentat pjuttost il-kuntrarju, u cioe` li l-konvenut ma kienx korrett fl-opinjoni tieghu dwar id-denunzjabilita` ta' dawk id-donazzjonijiet. Bizzejjed jinghad li l-attur kien ilu zmien li ghamel pubbliku (u aktar minn darba) l-fatt li hu ma kienx iddikjara dawk id-donazzjonijiet, u l-awtorita` kompetenti – Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni – b'ebda mod ma ha xi passi fil-konfront tieghu (l-unika darba li jirrizulta li l-Kummissarju ha xi passi kien meta l-attur nesa jiddikjara erba' liri li kien ircieva bhala hlas talli kien deher fuq it-televizjoni – ara d-deposizzjoni ta' l-attur, fol. 215). Pero` altru li wiehed jghid li dak li jkun ma kienx korrett fl-opinjoni li kellu (u addirittura jista' jibqa' ostinatament isostni dik l-opinjoni, zbaljata, tieghu), u altru li dik l-opinjoni ma tinkwadrax bhala "fair comment" fis-sens tal-ligi. Fi kliem Lord Hewart C.J., fil-kawza ***Stopes v. Sutherland***[2]

***What is it that fair comment means? It means this – and I prefer to put it in words which are not my own; I refer to the famous judgment of Lord Esher M.R. in*** **Merivale v. Carson (1887) 20 QBD pp 280, 281*****: 'Every latitude,' said Lord Esher, 'must be given to opinion and to prejudice, and then an ordinary set of men with ordinary judgment must say [not whether they agree with it, but] whether any fair man would have made such a comment…Mere exaggeration, or even gross exaggeration, would not make the comment unfair. However wrong the opinion expressed may be in point of truth, or however prejudiced the writer, it may still be within the prescribed limit. The question which the jury must consider is this – would any fair man, however prejudiced he may be, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said?' Again, as Bray J. said in*** **R. v.**

---

[2] House of Lords, Printed Cases, 1924, p. 375, citat f'**Gatley on Libel and Slander** *op.cit.* para. 728, p. 312.

**Russell**[3]**:** ***'When you come to a question of fair comment you ought to be extremely liberal, and in a matter of this kind – a matter relating to the administration of the licensing laws – you ought to be extremely liberal, because it is a matter on which men's minds are moved, in which people who do know, entertain very, very strong opinions, and if they use strong language every allowance should be made in their favour. They must believe what they say, but the question whether they honestly believe it is a question for you to say. If they do believe it, and they are within anything like reasonable bounds, they come within the meaning of fair comment. If comments were made which would appear to you to have been exaggerated, it does not follow that they are not perfectly honest comments.' That is the kind of maxim which you may apply in considering whether that part of this matter which is comment is fair. Could a fair-minded man, holding a strong view, holding perhaps an obstinate view, holding perhaps a prejudiced view – could a fair-minded man have been capable of writing this? – which, you observe, is a totally different question from the question, Do you agree with what he has said?***

Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

L-appellant, fil-kors ta' l-esposizzjoni tieghu ta' l-ewwel aggravju, jaccenna ghall-fatt li fil-kors tal-battibekk in ezami (u riportat hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza) il-konvenut uza l-kelma "tangenti". L-appellant jghid li din il-kelma, bil-konnotazzjonijiet negattivi ta' korruzzjoni, taghti "slant" partikolari lil dak li qal l-appellat fil-kors tal-programm fuq ir-radju; jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma qalet assolutament xejn dwar dan l-addebitu ta' "tangenti". Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti korrettement ma qalet xejn dwar l-uzu ta' din il-kelma ghax dak li kien qed jilmenta minnu l-attur appellant, kif jidher car kemm mic-citazzjoni kif ukoll mid-deposizzjoni

[3] Unreported, December 2, 1905, cited in **Fraser's Law of Libel** (7th. ed) at p. 108.

ta’ l-istess attur (ara in partikolari d-deposizzjoni ta’ l-attur tal-15 ta’ April, 1993, u specjalment fol. 79 fejn l-attur jippreciza f’hiex, fil-fehma tieghu, kienet tikkonsisti l-malafama), ma kellu x’jaqsam xejn ma’ l-uzu ta’ din il-kelma. L-attur kien qed jilmenta esklussivament mill-kliem tal-konvenut “Jigifieri kellek id-dover tiddikjarahom u ma ddikjarajthomx”. Ma jistax issa l-appellant idahhal konsiderazzjonijiet godda li ma kienux quddiem l-ewwel Qorti billi jipprova jwessa` l-parametri tal-kwerela.

Aggravju iehor ta’ l-appellant hu li l-konvenut, meta qal il-kliem aktar l-fuq riprodotti, kien motivat b’malizzja. Issa, huwa l-attur li jrid jipprova li dak li qal il-konvenut ma kienitx “the honest opinion” tieghu (cioe` tal-konvenut) u li, konsegwentement kien motivat b’malizzja. Fid-dawl ta’ dak li diga nghad aktar ’l fuq f’din is-sentenza dwar id-diversi veduti li wiehed jista’ jkollu dwar id-denunzjabilita` tad-donazzjonijiet bhal dawk li kien ircieva l-attur, kien aktar jinkombi fuq l-attur li jipprova b’mod car li l-konvenut, meta qal il-kliem li minnu qed jilmenta, kien “motivated by malice”. Il-konvenut qatt ma gie prodott mill-attur quddiem l-ewwel qorti biex jigi minnu ezaminat. F’certu sens din il-kwistjoni tal-malizzja hi intimament marbuta mal-kwistjoni jekk l-opinjoni li tkun giet espressa kienitx “unreasonably held”. Fil-fatt fuq dan il-punt l-ewwel Qorti esprimiet ruhha hekk:

**Fil-fehma tal-Qorti, id-diffikolta` partikolari tal-interpretazzjoni legali in kwistjoni taghmilha cara illi hawn ma hux kaz ta’ “opinions unreasonably held”.**

Din il-Qorti ma tarax li fuq dan il-punt ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Veru li jista’ jigi argumentat li x’aktarx li l-konvenut kien ostinat fl-opinjoni zbaljata tieghu li kellu dwar id-denunzjabilita` o meno tad-donazzjonijiet, izda dan il-fatt fih innifsu, u fl-isfond tal-battibekk waqt diskussjoni “live” fuq ir-radju kif riprodott aktar ‘l fuq, ma ghandux necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li hu (il-konvenut) kien ispirat b’malizzja. Kif jinghad f’**Gatley on Libel and Slander**, ga citat,

***…in order to constitute or give rise to an inference of malice the defendant's state of mind must amount to recklessness or indifference as to the truth or falsehood of what is published. If the defendant honestly believed his statement to be true, he is not to be held malicious merely because such belief was not based on any reasonable grounds; or because he was hasty, credulous, or foolish in jumping to a conclusion, irrational, indiscreet, stupid, pig-headed or obstinate in his belief.*** (para. 776, pagna 339).

Dan ma jfissirx, naturalment, li l-attur ma kienx gustifikat li jhossu urtat bil-kumment jew opinjoni espressa mill-konvenut, aktar u aktar meta mill-provi jirrizulta li l-attur kien dejjem precizissimu fir-returns tieghu tal-Income Tax u kwazi ffissat li jhallas sa l-ahhar sold ta' dak li kien legalment dovut lill-erarju. Ifisser biss li, fl-isfond li fih intqal il-kliem mill-konvenut u fil-parametri tal-Ligi tal-Istampa, ma jistax jinghad li dak li qal il-konvenut kien libelluz ghax b'xi mod oltrepassa l-limitu ta' dak li hu accettabbli bhala kritika fil-kamp politiku f'socjeta` demokratika.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------